MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1031/2004

**Falcon Investments Limited**

**vs**

**Duda Co. Ltd. u George Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Mejju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u hames liri Maltin (Lm505.00) rapprezentanti kera fuq il-fond Flat 15, formanti parti mill-kumpless ta' Wentworth Court ta' Triq il-Qasab, San Gwann, kif ukoll ghall-ispejjez legali (eskluzi l-ispejjez tal-avviz) sal-lum;**
**U dan oltre l-interessi fuq l-istess ammont mill-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003);**
**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuti. Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal iqies li t-talba attrici giet soddisfacentement pruvata, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta u lill-konvenut George Attard ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u hames liri Maltin (Lm505.00) bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Settembru, 2003.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------